**29 ta' April, 1985**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A.,F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Carmelo Cassar

*versus*

Giuseppa Fenech

## Kompetenza - Att ta' Negozju - Serviġi

*Kawża fuq serviġi. Il-provi urew illi l-konvenuta sabet ruħha b'ħanut f'idejha li ħadet passi biex tiddisponi mill-istokk u mbagħad ħallietu. Il-pretensjoni tas-serviġi ma jinkwadrawx rwieħom u ma jikkostitwux Att ta' Negozju. Il-Qorti ta' l-Appell għalhekk sabet illi definitivament kienet kompetenti il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. Sentenza riprodotta prinċipalment għall-kompjetezza tal-kronaka.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni preżentat fl-Onorabbili Qorti tal-Kummerċ li bih l-attur, wara li ppremetta illi meta huwa kien diżokkupat, huwa minn Ottubru 1979 sa Jannar 1981 irrenda servizzi lill-konvenuta li kienet għarusa ma' missieru billi żammilha kumpanija fid-dar tagħha biex ma tkunx waħedha bil-lejl u anke kien jaqdiha u jgħinha fil-ħanut tagħha tal-Gżira b'wegħda li fi żmien qasir kienet ser tatihulu f'ismu biex jiġġestih waħdu, illi l-konvenuta ma kinitx tatih paga minima u xierqa iżda biss tlitt liri fil-ġimgħa (Lm3) matul l-ewwel disa' xhur u erba liri u nofs (Lm4.50) fil-ġimgħa fl-aħħar xahrejn u nofs, matul dan iż-żmien kollu kienet tiddiswadi lill-attur milli jmur jirreġistra għax-xogħol u illi meta l-konvenuta ħassret l-għerusija ma' missier l-attur hija ma żammitx il-kelma tagħha li tgħaddilu l-ġestjoni tal-ħanut u per konsegwenza l-attur ġie tilef il-beneficċju li kien jirrekava kieku kien mar jirreġistra bħala

għajnuna soċjali jew dak li kien jaqla mix-xogħol li kien jiġi lilu allokat, - talab li l-konvenuta tiġi kkundannata (1) tħallas lill-attur dik is-somma li tiġi likwidata f'każ ta' bżonn *per opera* ta' periti *nominandi in linea* ta' kumpens għas-servizzi li huwa irrenda lill-konvenuta (2) dik is-somma li tiġi likwidata wara li jittieħdu in konsiderazzjoni it-tliet liri (Lm3) fil-ġimgħa li hija kienet tħallsu in kumpens ta' telf ta' qliegħ li sofra l-attur bin-nuqqas tiegħu li jirreġistra għax-xogħol ta' għajnuna soċjali jew ta' telf ta' kull somma oħra li kien jaqla mix-xogħol tiegħu bażata fuq il-paga minima - u dana kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi, bl-imgħaxijiet skond il-liġi u bl-ispejjez inklużi dawk ta' ittra interpellatorja tas-26 ta' Jannar, 1981;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li biha eċċepiet *in linea* preliminari l-inkompetenza ta' dik il-Qorti *ratione materiae* stante li l-konvenuta mhiex kummerċjanta u l-obbligazzjonijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni mhumiex ta' natura kummerċjali u li t-talbiet attriċi huma preskritti għat-tenur ta' l-artikolu 2252 (ċ) tal-Kodiċi Ċivili u subordinatament u fil-meritu t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi mhux minnu li l-konvenuta qatt iddiswadiet lill-attur milli jmur jirreġistra għax-xogħol u fil-fatt kien jirreġistra u f'Awissu 1980 beda jaħdem f'fabbrika tal-ħwejjeġ f'Kordin. Mhux minnu li l-konvenuta qatt wegħdet lill-attur li tgħaddilu f'idejh in-negozju li dak iż-żmien kellha u hu qatt ma ppresta serviġi lilha. Meta tatu xi flus, dan għamlitu bħala '*pocket money*' *in vista* tar-relazzjoni ta' għerusija li dak iż-żmien hi kellha ma missier l-attur;

Rat id-deċizjoni ta' dik il-Qorti tat-8 ta' Marzu, 1984 li permezz tagħha dik l-istess Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenuta u għalhekk *ai fini* tal-artikolu 779 (1) tal-Kodiċi ta'

Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili iddikjarat lilha nnifisha inkompetenti *ratione materiae* li tieħu konjizzjoni u li tiddeċidi *dan il-każ u dejjem* *ai termini* ta' l-istess artikolu ordnat li dan il-proċess jintbagħat lil din il-Qorti ta' l-Appell permezz tar-Reġistratur tal-Qorti fi żmien sebat ijiem għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u dan wara li kkunsidrat:

Il-konvenuta fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 1984 tat ix-xhieda tagħha u qalet li l-ħanut imsemmi mill-attur fiċ-ċitazzjoni ġie għandha mal-mewt ta' żewġha. Hija kienet xtaqet li twellieh lil terzi persuni però ma mexxiliex billi l-proprjetà kienet tal-Gvern u dan ried li joħroġ l-istess fond bl-offerti. Barra minn hekk qalet li minħabba din is-sitwazzjoni l-ħanut li kien ġie f'idha li kien ħanut *taż-żebgħa bil-fors li kellha żżommu xi ftit* mhux biex tinnegozja iżda minħabba l-ġeneri ta' l-affarijiet, iżda biex hija tbiegħ l-oġġetti kollha li kellha ġo fih u tillikwida. Hija qalet ukoll li ma xtrat xejn ġdid u baqgħet tnaqqas u tnaqqas sa kemm spiċċa l-istokk. B'ebda mod għalhekk sostniet, li bl-aġir tagħha ma setgħet tiġi konsiderata bħala *li kienet fil-kummerċ għaliex hi* kull ma għamlet kienet li tillikwida dak li ħalla żewġha u dan fil-fehma tal-Qorti ma jammontax għall-atti kummerċjali;

L-attur għad li kellu l-okkażjonijiet kollha meħtieġa la xehed u anqas ressaq ebda *provi kuntrarji dwar din l-eċċezzjoni.* Kwindi għalhekk din il-Qorti tħoss li għandha tilqa' din l-eċċezzjoni tal-konvenuta;

Rat a fol. 19 tal-proċess il-verbal dwar l-introduzzjoni ta' l-atti f'din il-Qorti;

Rat l-atti kollha tal-kawża u senjatament id-depożizzjoni tal-konvenuta tas-6 ta' Marzu, 1984;

Ikkunsidrat:

L-azzjoni preżenti hija ntiża biex il-konvenuta tiġi kkundannata tħallas lill-attur kumpens għal serviġi li jallega li rrendilha kif ukoll somma oħra rappreżentanti telf ta' qliegħ li jallega li sofra minħabba l-fatt li huwa kien imur jaqdiha u jgħinha fil-ħanut tagħha;

Mill-provi jirriżulta li żewġt il-konvenuta kellu ħanut tażżebgħa u wara l-mewt tiegħu l-konvenuta, li ma kinitx negozjanta u qatt ma kellha l-liċenzja f'isimha, baqgħet tbiegħ l-istokk tiegħu sakemm spiċċa u mbagħad tat lura l-ħanut. Is-sid kien il-Gvern li sadattant kien ħareġ it-*tenders*. L-azzjoni preżenti ġiet intentata fid-9 ta' Settembru, 1982 meta l-konvenuta kienet diġà rrilaxxat il-ħanut billi skond ix-xhieda tagħha dan sar fil-1981;

Il-Qorti fid-dawl taċ-ċirkostanzi fuq imsemmija ma tara l-ebda raġuni biex tiddipartixxi mill-konklużjoni ta' l-ewwel Qorti billi l-konvenuta ma tistax verament tiġi kunsidrata li kienet negozjanta. Hija, wara l-mewt ta' żewġha, sabet ruħha b'ħanut f'idejha u l-provi juru li ħadet l-passi biex tiddisponi mill-istokk tiegħu u mbagħad ħallietu. Hija ma kinitx qed tinnegozja iżda kienet qed tillikwida n-negozju li ġie f'idejha. Jista' jiżdied li s-serviġi pretiżi reżi ma kinux jikkostitwixxu att ta' negozju kif lanqas tista' tiġi kunsidrata bħala derivanti minn xi att ta' negozju l-pretensjoni l-oħra għal telf ta' qliegħ avanzata fiċ-ċitazzjoni;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċidi definitivament li l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża hija l-Prim' Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili u tordna li a tenur ta'

l-artikolu 779(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-attijiet ta' din il-kawża jintbagħtu lil dik il-Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.